bil-għaqal, li għaraf jieħu l-aħjar tal-ħajja u jħalli wara dahru dak li jista' jaqtagħlek qalbek jew isewwidhielek.

Hemm faċċata oħra fil-ħajja ta' Ġużè Galea li tiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta nies; din hi Ġużè Galea bħala kittieb. Hu kiteb bil-Malti u bl-Ingliż fuq suġġetti varji kif ġa semmejt; imma forsi hu magħruf l-aktar bħala romanzier, għalkemm wieħed ma jistax jinsa xi poeżiji u l-bosta editorjali li kien kiteb għal "Il-Malti"; (ġie li qabbad lili nikteb xi wieħed u forsi qabbad lil ħaddieħor ukoll). Jixraq li nħalli għal min hu egħref minni jitkellem dwar is-siwi letterarju tal-kitba bil-Malti ta' Ġużè Galea. Biss nista' ngħid li r-rumanzi tiegħu nqraw minn ħafna u ngħoġbu minn bosta tant li wħud minnhom raw kemm-il edizzjoni għaliex kienu wżati fl-iskejjel — mill-primarji sa l-universitarji. Kienu jingħoġbu mit-tfal, miż-żgħażagħ u minn nies fatti. Il-paraguni huma odjużi u għalhekk miniex ser inqishom, u niżenhom jew nipparagonahom ma' dawk ta' Ġużè Muscat Azzopardi u awturi Maltin oħra; lanqas ma rrid ngħid li Ġużè Galea kien xi Walter Scott, Charles Dickens, jew Alessandro Manzoni. Dan, kif ġa għidt, inħallih għal ħaddieħor, iżda jien ċert li fi żmienhom imlew vojt kbir u li posthom hu żgurat fl-istorja tar-rumanz Malti. Wieħed isib żvilupp notevoli minn rumanz għal ieħor — skond l-ordni kronoloġiku tal-kitba tagħhom: żvilupp fl-intriċċ ta' l-istorja, fl-arti deskrittiva u narrattiva ta' l-awtur, u fuq kollox fil-bini tal-karattru ta' dawk li b'għamilhom jew ħidmithom tkun innisġet l-istorja; dawn isiru nies tassew ħajja, reali, bnedmin li niltaqgħu magħhom u nkellmuhom aħna stess jew li nistgħu nġibuhom quddiem għajnejna qisna nafuhom mill-qrib.

Minn awl id-dinja, ftit hawn nies li ma jħobbux l-unuri u Ġużè Galea ma kienx eċċezzjoni; imma jekk kiseb għadd sabiħ ta' unuri, ħadem għalihom; kien Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta u ta' l-Ingilterra u ma nafx ta' kemm-il Ordni ieħor; ħadem sħiħ fi ħdan il-"Camera Pontificia" u kien President ta' diversi għaqdiet karitatevoli u filantropiċi — kien jaħdem sħiħ għall-inkapaċitati — u Membru attiv ta' xirkiet reliġjużi. Ngħid għalija, inħossni obbligat lejh u lejn is-sinjura tiegħu — li għadha ħajja, Alla jberikha — għalli għamlu magħna meta t-tifel il-kbir korra bl-ikreh u kien qrib il-mewt: kienu jmorru jarawh spiss u kienu jqawwulna qalbna; is-Sema sema' talbhom u talbna u t-tifel tagħna għadu ħaj, mimli bil-għomor, jikkura għajnejn is-Sinjura Galea. Fuq din in-nota ser intemm dawn l-erba' kelmiet tiegħi fuq il-maħbub Kavallier Professur



Ġużè Galea; id-dejn tiegħi lejh issa nista' nħallsu biss billi nitlob għal ruħu, għalkemm ninsab ċert li Ġużè Galea ilu jgawdi fi ħdan Alla l-premju li ħaqqu għal ħajja twila mgħoddija jagħmel il-ġid lil għajru.

We Treasure Your Savings



With a Bank of Valletta Savings Account, which you can open with even a small amount of money, you feel secure in the knowledge that your savings are being safely invested by professional people and growing steadily.

Call at one of our branches and ask for more details.

Bank of Valletta Limited, Malta

Branches throughout Malta & Gozo

Our business is your business.